# Ħarsa lejn...
# IL-BANDA SAN FILEP
# ... u ġrajjietha

Fil-ħarġa ta' dan il-ktejjeb tas-sena l-oħra, "Festa San Filep 1994", rajna d-diversi żminijiet li għaddiet minnhom ix-"Xirka Mużikali Każin Banda San Filep, sa mit-Twaqqif uffiċċjali tagħha, fl-1851.

Din is-sena, b'din il-kontribuzzjoni tagħna ta' din il-kitba se nagħtu ħarsa storika lejn xi avvenimenti ta' importanza għas-Soċjetà Mużikali Banda San Filep.

Ma jistax jonqos li Għaqda Mużikali bħal din tagħna, ma tkunx imżejna b'għadd ta' ġrajjiet li minnhom għaddiet, ġrajjiet li minsuġa flimkien jagħmlu ktieb sħiħ ta' storja ta' ġieħ lil din is-Soċjetà Żebbuġija, li din is-sena ġġib 144 sena għomor, u b'hekk insejħulha b'kull dritt l-eqdem banda jew aħjar 'Omm il-Baned Maltin u Għawdxin'.

Ikun xieraq però li nifthu din il-kitba storika, billi nerġgħu nirrifreskaw il-perjodu li l-Banda San Filep kienet taħt it-tmexxija ta' l-ewwel żewġ surmastrijiet diretturi tagħha – Maestro Filippo Galea u Mastru Indri Borg.

Il-kittieb li wieħed jikteb dwar is-soċjetà tiegħu għandu dejjem jirrifletti l-verità b'kitba storika, mimlija propaganda iva, iżda bl-ebda mod m'għandu li filwaqt li min jikteb jipprova jgħolli u jfaħħar kemm jiflaħ in-naħa tiegħu, fl-istess ħin b'miżuri differenti jċekken u jkisser dak li hu ta' ħaddieħor. Meta niktbu ġrajjiet is-soċjetajiet mużikali tagħna, niktbuhom bil-mertu tagħhom.

Tistgħaġeb taqra bil-ħafna tagħrif ta' ismijiet ta' għaqdiet mużikali minn barra minn Ħaż-Żebbuġ, imbagħad għalkemm ilu jinkiteb ħafna u jiġu ppubblikati dokumenti li jirrikjedu għall-Banda San Filep, nagħmlu ta' bir-ruħna li ma nafux bihom, allavolja dawn imxew fid-djar ta' belt twelidna, allavolja ngħixu f'misraħ wieħed – Misraħ San Filep. Possibbli, l-irċevuta oriġinali tas-sehem tal-Banda San Filippo fil-festa ad unur ta' Sidna Marija tal-Karità, tas-sena 1851 ħadd ma raha? Minn din l-irċevuta joħroġ ċar u tond li fl-1851 il-Banda tagħna kienet diġà ġġib l-isem glorjuż ta' San Filippo.

Altru milli banda waħda biss dak iż-żmien, dik ta' 'Sant'Elena', illum 'Duke of Camaught' li twaqqfet fl-1865, kienet iġġib l-isem tal-qaddis patrun tagħha (għall-istorja din il-banda ta' Birkirkara u l-Banda San Filep dejjem kellhom relazzjonijiet ta' ħbiberija. Għal ħafna snin iż-żewġ baned kienu jiġu mistiedna minn xulxin fil-festi ta' San Filep u ta' Sant'Elena kif ukoll għall-Festa tal-Madonna tad-Duttrina ġewwa Birkirkara).

Ix-Xirka tal-Banda San Filep tiftakar mhux biss li kellha l-ewwel banda, iżda wkoll li l-banda tagħha tgħammdet bl-isem tal-patrun tagħha u baqgħet iżżommu sal-lum. Il-Banda San Filep hi l-ewwel banda li ssemmiet għall-qaddis patrun ta' Ħaż-Żebbuġ u allura kienet l-eżempju li baned oħrajn issemmew għall-qaddisin.

**Is-Surmast Direttur Filippu Galea u l-Banda San Filep**

Issa tajjeb li niktbu xi ħaġa dwar is-Surmast Direttur Filippu Galea li nsibuh minn ta' quddiemnett fl-organizzazzjoni u t-twaqqif tax-Xirka Filarmonika Każin Banda San Filep.

Ma inix beħsiebni nikteb xi bijografija oħra dwar is-Surmast Filippo Galea. Naħseb li nkiteb biżżejjed dwaru, iżda bħalma jiġri dejjem il-għan li wieħed għalih ikun qiegħed jikteb ikun ferm differenti.

Eżempju ta' dan li qegħdin ngħidu hu l-artiklu li deher fil-ħarġa ta' dan il-'Ktejjeb Festa 1992' fejn wieħed jista jarah f'paġni 41, 42, 43. Hawnhekk ġie ttrattat is-Surmast Filippu Galea taħt it-titlu, "Surmast Malti tal-Banda ta' l-Ewwel Battaljun tas-57 Reġiment ta' l-Infanterija", miktub mill-Kaptan J.M. Wismayer u maqlub għall-Malti minn Pawlu Mifsud.

Mingħajr dubju ta' xejn, l-iskop ta' dan l-artiklu kien li nkomplu nagħtu ġieħ mistħoqq lil dan il-bravu Surmast Direttur Żebbuġi – Maestro Filippo Galea, l-ewwel President Fundatur tax-Xirka Mużikali Każin Banda San Filep.

Kitbiet oħra dwar dan l-istess surmast mhux f'pubblikazzjoni maħruġa mis-Soċjetà tagħna

setgħu kellhom il-għan li jnisslu dubju dwar jekk hux veru jew le li dan is-Surmast mexxiex il-Banda San Filep u l-Għaqda Mużikali tagħna sas-sena 1860.

Li dan is-Surmast qatta' ħafna minn ħajtu jsiefer, kulħadd jaf. Jirritorna lura, u jqatta' xi xhur jew anki xi snin f'Malta, imbagħad jerġa' jkollu jitlaq mal-banda tiegħu tar-Riġment, fejn kien ikun sejjer ikun stazzjonat ir-riġment tiegħu. Ix-xogħol tiegħu kien jitlob li jagħmel hekk. B'danakollu sas-sena 1860 qatt ma telaq lill-Banda San Filep.

Fuq il-Lapidi Kommemorattivi bl-Ismijiet tal-Presidenti u tas-Surmastrijiet Diretturi tal-Banda, li nsibu fis-Sala Ewlenija tal-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Każin Banda San Filep, naraw miktub fuq quddiem nett l-isem ta' Filippu Galea – Fundatur u President sas-sena 1854, u Surmast Direttur sas-sena 1860 (għall-istorja ngħidu li s-Soċjetà Każin Banda San Filep kienet l-ewwel għaqda tal-banda f'Ħaż-Żebbuġ li għamlet il-lapidi kommemorattivi tal-Presidenti u tas-Surmastrijiet Diretturi tagħha).

Fittixna bir-reqqa kollha u b'tant paċenzja biex forsi nsibu xi ħjiel jekk f'dawn iż-żminijiet Maestro Filippo Galea kienx ma' xi banda oħra Maltija. Ir-riżultat kien li f'dawk iż-żminijiet ta' bejn l-1851 u l-1860 lil dan is-Surmast insibuh biss ma' banda waħda, dik ta' Banda di San Filippo, b'Soċjetà organizzata magħha ġewwa Ħaż-Żebbuġ, l-unika banda eżistenti fir-raħal.

Ħaġa oħra importanti li wieħed għandu jsemmi hi x'ammirazzjoni kien igawdi fost il-bandisti tal-Banda San Filep f'dawk iż-zminijiet Maestro Filippo Galea. Nafu lkoll li kien jagħmel xogħol xhur sħaħ imsiefer barra minn xtut Maltin, iżda xorta waħda meta hu kien jirritorna fosthom il-kumplament tal-mexxejja tal-Għaqda Mużikali kienu jafdawlu l-Banda u jidher jitħallas hu f'isem l-istess Banda tagħna.

Infatti fis-snin 1854, 1856, 1859 u fis-sena 1860, insibu lill-Maestro Filippo Galea jirċievi l-flus għas-servizzi li tkun wettqet il-banda.

Xhieda ta' dan li qegħdin niktbu huma dawn id-dokumenti oriġinali li jidher hawn ippubblikati, li jġibu n-numri 2, 3, 4, 5 meħuda mill-ktieb tal-Konfraternità tal-Madonna taħt it-titlu tal-Karità.

Tajjeb ingħidu wkoll li l-ħlasijiet li hawnhekk jidhru huma prova biżżejjed li l-Banda li kien imexxi u jidderieġi s-Surmast Filippu Galea kienet organizzata tajjeb. Ma kienetx banda ta' wara l-bibien kif wieħed kultant jipprova jpinġi lill-Banda San Filep għaż-żmien li qegħdin niktbu dwaru.

Jekk nibqgħu dwar dak iż-żmien, insibu dokumentat ukoll li fl-assenza tas-Surmast Direttur tal-Banda San Filep, Maestro Filippo Galea, nistgħu niltaqgħu ma' Maestro Michele Borg, Maestro Antonio Pisani, Maestro Gioacchino Mallia u Maestro Gaitano Attard, ilkoll Żebbuġin, jidderiegu u jitħallsu f'isem is-Soċjetà Mużikali tagħna, għas-servizzi mużikali li tkun esegwit il-Banda, kemm f'Ħaż-Żebbuġ kif ukoll barra mir-raħal.

Dawn il-mexxejja tax-Xirka Mużikali San Filep, kif jidhru fil-lista ta' Presidenti tas-Soċjetà kienu bandisti regulari fil-Banda, iżda fl-istess ħin magħrufin bħala Maestri.

Wara li spiċċa Maestro Filippo Galea l-Banda San Filep fl-1860, biex inkunu qrib iktar is-sewwa, fit-tieni parti tax-xhur ta' dik is-sena għaddiet għal taħt it-tmexxija ta' Mastru Indri Borg.

X'inkiteb fl-1992 dwar xi deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Għaqda Każin Banda San Filep "Waħda mid-deċiżjonijiet meħuda f'dawk iż-żminijiet kienet li dawk is-surmastrijiet li ma kinux jibqgħu mal-Banda San Filep, il-Għaqda kienet taħtarhom 'Surmastrijiet Onorarji' għal għomorhom. B'hekk is-Surmastrijiet Filippu Galea u missieru, is-Surmast Angelo Galea, ġew maħtura Surmastrijiet Onorarji."

Hawn tajjeb li nirriflettu ftit u nistaqsu lilna nfusna, "Għaliex is-Soċjetà Mużikali San Filep ħatret lil ex Surmast Direttur tagħha, Mro Filippo Galea, Surmast Onorarju?" Biex tonorha d-deċiżjoni minnha meħuda? Minħabba li hu kien qiegħed jagħmel suċċessi mal-Banda tar-Riġment tiegħu? jew "Għall-ħidma kbira li kien wettaq mal-Għaqda u l-Banda San Filep fl-ewwel snin tagħha fejn hu dderiġiha b'tant ħila? Min hu midħla ta' xi Soċjetà jaf sewwa għaliex isiru l-ħatriet ta' onorifiċenza!

**Mastru Indri Borg u l-Banda San Filep**

B'riferenza għal dak li ħallilna miktub l-istoriku Pietru Pawl Castagna dwar il-Baned f'Malta "L-ewwel banda nazzjonali saret f'Ħaż-Żebbuġ mit-tant imsemmi l-Vallettan Mastru Indri Borg fl-1860," insibu miktub fil-ktieb tal-"Programm tal-Festa ta' San Filep 1984" f'paġna 15 – Dan is-Surmast, għalkemm kien tilef id-dawl meta kien għad kellu sentejn, kien tant entużjażmant fil-mużika li mhux biss tgħallem il-mużika u kien idoqq il-klarinett, iżda kien jgħallimha u jiddettaha. Daqshekk ieħor kienu entużjażmanti l-bandisti li hu kien għadu kif wiret mingħand Mro Filippo Galea, u lkoll flimkien ħarġu bl-idea li jagħmlu "Programm Mużikali Nazzjonali." Dan il-Programm Mużikali esegwietu l-Banda San Filep ftit tax-xhur wara li Mastru Indri Borg ħa l-Banda f'dejh u permezz ta" dan l-istess programm mużikali l-Banda San Filep ġiet mogħnija bit-titlu ta' l-ewwel banda nazzjonali li qatt kien hawn f'Malta."

Bil-kitba tiegħu Pietru Pawl Castagna ried juri l-

pass 'il quddiem u kuraġġuż li rnexxielhom jagħmlu Mastru Indri Borg u l-Banda tiegħu, ftit wara li x-Xirka tal-Banda San Filep ħatritu Surmast Direttur tal-Banda tagħha.

Hawnhekk tajjeb li nkomplu nikkwotaw mill-ktieb tal-Programm Festa 1984, "Illum nafu li wara dan il-Programm Mużikali, il-Banda San Filep kompliet ħadet xejra aktar moderna għal kif aħna nafu l-baned illum. Però nafu wkoll li sakemm kien sar dan il-Programm Nazzjonali in-numru tal-bandisti mal-Banda San Filep kien kiber ġmielu. Hawnhekk tidħol il-formalità b'numru akbar ta' bandisti u strumentalisti, il-għaliex il-Banda San Filippo u s-Soċjetà tagħha kienu qegħdin jagħmlu progress kuljum."

Dan li qegħdin ingħidu llum, insaħħuh fuq id-dokument (numru 6) li qegħdin nippubblikaw. Minnu jidher li l-ħlasijiet li rċeviet il-Banda tagħna ftit ivarjaw – minn taħt Surmast Direttur għal taħt ieħor.

Aħna ma rridux ingħidu li Pietru Pawl Castagna ma kienx xhieda ta' dak kollu li kiteb dwar it-twaqqif tal-Baned f'Malta jew li kien qiegħed jgħid ħrejjef antiki. Fuq kollox f'dawk is-snin, banda waħda biss kienet eżistenti fir-raħal San Filippo. Nistgħu ngħidu li mill-1850, żmien l-organizazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Banda San Filep f'Ħaż-Żebbuġ sas-sena 1888, l-ewwel darba li P.P. Castagna ppubblika x-xogħol tiegħu b'inkluż l-informazzjoni dwar il-baned Maltin, kienu għaddew 37 sena, u fi żmien meta l-irħula kienu maqtugħin għalihom u l-informazzjoni kienet tasal bil-mod u tgħaddi minn fomm għal ieħor, seta ġara li t-tagħrif li kien wasallu ma kienx korrett għal kollox.

Mhux biss hekk, iżda jidher ukoll li dan il-kittieb storiku ma għamilx riċerka fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ għax kieku kien isir jaf li ġewwa belt twelidna il-Banda San Filippo kienet eżistenti uffiċjalment sa mis-sena 1851 u dan il-Programm Mużikali Nazzjonali kienet attività b'mod speċjali fost il-ħafna li kienet qegħda tagħmel f'Ħaż-Żebbuġ u barra minnu l-istess Banda San Filippo.

**Dun Salv Ciappara, il-ktieb tiegħu u l-baned fir-raħal**

Hawnhekk tajjeb issa li nerġgħu nagħmlu riferenza dwar is-saċerdot Żebbuġi u kittieb ta' l-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ, Dun Salv Ciappara, imwieled fl-1833 u miet fl-1904 u l-ktieb miktub minnu, "Storja del Zebbug e Sua Parrochia."

Dan is-Saċerdot li diġà ktibna dwaru u r-rabta tiegħu mas-Soċjetà tagħna, bil-kitba tiegħu jaqbel eżatt ma dak li dejjem sostna l-Każin San Filep, infatti f'dan il-ktieb f'paġna 94 fost affarijiet oħra nsibu hekk miktub, "F'Ħaż-Żebbuġ fl-1860 twaqqfu żewġ skejjel tal-mużika."

Jekk f'din is-sena twaqqfet l-iskola għat-tagħlim tal-mużika kif nistgħu ngħidu li fl-1860 saret l-ewwel banda.

Dun Salv bil-kitba tiegħu ried juri l-kontinwazzjoni tal-Banda, bit-tagħlim ta' mużiċisti ġodda, sistemi aktar moderni ta' tagħlim biex dak li kien għadu kif wiret Mastru Indri Borg isaħħu b'żgħażagħ u nies bandisti ġodda għall-Banda tiegħu.

Nerġgħu niġu għall-Mastru Indri Borg u bħalma għamilna għas-Surmast Direttur Filippu Galea, hekk nagħmlu wkoll għal dan is-Surmast, u nagħtu titwila lejn il-Lapida tas-Surmastrijiet Diretturi li kellha l-Banda San Filep. Fuq din il-lapida nsibu li minn idejn Filippu Galea l-Banda San Filep għaddiet taħt it-tmexxija tas-Surmast Andrea Borg, magħruf bħala Mastru Indri fl-1860 u baqgħet taħt it-tmexxija tiegħu sa l-1868. Iktar tagħrif dwar Mastru Indri Borg f'għeluq id-90 sena minn mewtu u l-Banda San Filep fi żmienu tajnih fil-ktieb tal-Programm tal-Festa San Filep tas-sena 1993.

F'din il-kitba se ngħidu biss li fiż-żminijiet tagħna, iż-żewġ soċjetajiet mużikali ewlenin li għandna fir-raħal, it-tnejn li huma jiftaħru bis-Surmast Indri Borg. It-tnejn li huma jgħidu li kien magħhom, iżda dan mhux minn dejjem kien hekk.

Hawnhekk tajjeb li nikkwotaw silta mill-ktieb "Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep" ta' Mariella Attard. "Ta interess partikulari huwa l-kliem li ġie li jitkanta mill-partitarji tal-każini fil-marċi ta' nhar il-festa. Fl-antik ta' San Ġużepp lil ta' San Filep kienu jkantawlhom: "Il-ħanżira kellha tnax, wieħed għama ma redax."

Hawnhekk kienu jalludu għan-numru tnax, il-jum tax-xahar ta' Mejju, li fih taħbat il-festa ta' San Filep. Dik ta' l-Għama kienet botta għax is-Surmast Indri Borg kien għama mindu kellu sentejn.

Tal-partit ta' l-'Ajkla' kienu jistqarru huma stess li Mastru Indri Borg kien it-tieni Surmast Direttur tal-Banda San Filep (1860-1868).

Fil-ktieb tal-Programm tal-Festa ta' San Filep 1994, paġna 51, insibu miktub din is-silta meta nirreferu għall-kant ta' waqt il-marċijiet: "Għalkemm dawn huma kantalieni tradizzjonali li ssawru mal-marċi tagħna, warajhom jinsabu ġrajjiet storiċi li minnhom ikunu għaddew is-Soċjetajiet Mużikali li lejhom ikunu ndirizzati".

**Il-Banda San Filep insejħulha b'kull dritt l-eqdem banda jew aħjar, Omm il-Baned Maltin u Għawdxin**

Is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep dejjem żammet li l-Banda tagħha kienet l-ewlenija fost il-baned, mhux biss Żebbuġin, iżda wkoll fost ta' kemm baned twaqqfu f'dawn il-gżejjer.

L-Avukat Joseph G. Borg LL.D., ex President tal-Każin Banda San Filep u llum President Onorarju ta' l-istess Soċjetà, ħallilna hekk miktub fl-1961, "Sa fejn hu magħruf hija l-Banda l-aktar antika fost il-baned li hawn f'Malta, imkabbra imma denja tat-titolu ta' Banda Ewlenija."

"It-tradizzjoni ġo Ħaż-Żebbuġ dejjem żammet illi l-Banda San Filep hija l-aktar antika ta' Malta u ma' din it-tradizzjoni qawwija li x-xjuħ tar-raħal wasslulna l-ġrajja tal-banda fi żmienhom u kif saru jafuha mingħand missirijiethom u minn għand in-nanniet tagħhom, is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep dak li kienet tafu bil-fomm sabitu miktub f'dokument oriġinaliu awtentiku." – "Il-Banda San Filep wettqet Programm Mużikali ġo din l-istess pjazza fis-sena 1851." (ara d-dokument numru 1 li qegħdin nippubblikaw mill-ġdid f'dan il-ktieb).

Mela dan kien il-bidu ta' l-ewwel Banda f'Ħaż-Żebbuġ, u għalxejn wieħed jipprova b'sengħa kbira jħallat ġrajjiet m'oħrajn tal-Banda San Filep u jħalli barra dak li ma jkunx jgħodd għalih, għax is-sewwa magħruf hu wieħed dak li diġà ktibna iktar 'il quddiem, "Li l-Banda San Filep nistgħu insejħulha b'kull dritt l-eqdem banda jew aħjar omm il-Baned Maltin u Għawdxin."

Il-verità hi li l-firda ta' numru ta' bandisti minn mal-Banda San Filep sar fil-bidu tas-snin sebgħinijiet minħabba d-diżgwid ta' bejniethom dwar l-orkestra ta' ġol-Knisja Arċipretali tagħna, kif diġà ġie miktub: "Maż-żmien f'Ħaż-Żebbuġ, bħalma kien qiegħed jiġri f'postijiet oħra, il-polemiki dwar l-orkestra ta' ġol-knisja iktar bdew jitqajmu sikwit speċjalment meta kienet tkun qegħda toqrob il-festa ta' San Filep. Kien jidher ċar li l-Għaqda Mużikali San Filep ma setgħetx tibqa' miexja f'dan l-istat ta' diżgwid bejn il-mużikanti u l-membri tagħha. Jingħad li fl-ewwel snin tas-sebgħinijiet l-irjus tant kienu saħnu li dawk li kienu favur l-orkestra tan-Nani bdew jaħdmu kumplott biex meta l-mużikanti ta' l-orkestra mmexxija minn Maestro Vincenzo Bugeja, kellhom jaslu ħdejn il-Bieb il-Ġdid (Bieb De Rohan) bil-karozzini lejlet il-festa ta' San Filep biex jieħdu sehem fit-Translazzjoni ta' dik il-festa li kienet ġejja, kellhom jisfrattawhom bi tfigħ ta' xi affarijiet, ibeżżgħuhom u dawn jitilqu lura. Iżda ġara li l-kumplott inkixef u ż-Żebbuġin flimkien mal-kumplament tal-Banda San Filep fil-maġġoranza tagħha wasslu lil Maestro Vincenzo Bugeja u lill-mużikanti tiegħu sal-Parroċċa b'dimostrazzjoni kbira."

"Dawk li kienu favur l-orkestra tan-Nani, issa raw li ma kellhomx aktar post fi ħdan il-Għaqda tal-Banda San Filep u bil-mod il-mod isseparaw ruħhom mill-Każin, u bdew jinġabru f'dar privata sakemm akkwistaw dar u organizzawha fi skola ġdida għat-tagħlim tal-mużika."

"F'dan iż-żmien il-Għaqda tal-Banda San Filep kellha bħala President lis-Sur Michelangelo Debono u Surmast Direttur lil Maestro Giuseppe Borg."

Biex insaħħu dan li qegħdin niktbu nieħdu issa silta mill-artiklu taħt it-titlu "Tagħrif dwar il-Banda De Rohan", li kien inkiteb fil-ħarġa tal-Programm tal-Festa ta' San Ġużepp, Lulju 1985 f'paġna 20: "Fis-sena 1874 inħolqu żewġ partiti f'każin wieħed. Dan ġara minħabba li meta qorbot il-festa ta' San Filep ta' dik is-sena, f'Ħaż-Żebbuġ inqalgħet polemika fuq liema Maestro di Cappella kellu jiġi biex idoqq fil-knisja fil-festa ta' San Filep. Kien hemm min ried lil Maestro Antonio Nani u min ried lil Maestro Vincenzo Bugeja. F'dik is-sena rebħu dawk li riedu lil Bugeja."

Barra minn hekk meta dawk li telqu ġew biex jagħżlu l-isem tal-banda ġdida tagħhom, jidher li sabu diffikultà jew ma qablux bejniethom. Dan ġara billi l-Banda l-antika kienet iġġib l-isem ta' 'San Filippo'. Huma ma setgħux isemmuha wkoll għall-patrun tar-raħal. Hekk jidher "Società Filarmonica del Zebbug" – "Casino San Filippo".

Jikkonferma dan li qegħdin niktbu l-fatt li deher miktub fil-programm tal-festa ta' San Ġużepp, Lulju 1994, f'paġna 67, fejn insibu hekk – "Fost ir-riċerka tagħna, l-ewwel darba li niltaqgħu ma' l-isem ta' Circolo Rohan kien fl-1878."

Hawnhekk nerġgħu nikkwotaw mill-ktieb tal-Programm tal-festa ta' San Filep 1994 – "Jidher li maż-żmien din il-banda ġdida bdiet tieħu sehem fil-festa ta' San Filep u baqgħet tagħmel hekk għal xi snin."

Fl-1890 għal xi raġuni li sabu ruħhom fiha dawk il-membri li kienu jippartjenu l-"Casino San Filippo" reġgħu rritornaw lura mal-Banda antika tagħhom, il-Banda San Filep fost festi kbar mill-membri taż-żewġ għaqdiet."

Kienet verament okkażjoni ta' pjaċir bil-bosta ghas-Soċi u Bandisti tal-Għaqda Mużikali Każin Banda San Filep.

Ilkoll flimkien impenjati biex ikomplu jġibu 'l quddiem is-Soċjetà Mużikali tagħhom u jkomplu jkabbru l-festa tal-patrun tagħhom San Filep.

Il-Banda San Filep tat Programm Mużikali mill-aqwa quddiem il-Każin tagħha 273, 274 Strada Reale, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Maestro Gioacchino Galea (1879-1893).

F'din l-okkażjoni s-Soċjetà Mużikli San Filep kellha President lil Carmelo Zammit.

Mill-"Guida Generale di Malta", joħroġ ċar hafna li s-"Società Filarmonika San Filippo" f'dawk iż-żminijiet kienet l-aktar għaqda ċivika organizzata tajjeb f'Ħaż-Żebbuġ. "A questa scuola è unito un casino sotto la direzzione di un comitato associazzione, bil-ħlas ta' 2s-2d."

**Iċ-Cirkolo La Stella Levantina u l-Għaqda tiegħu mal-Każin Banda San Filep**

Iċ-'Cirkolo La Stella Levantina' kienet Soċjetà Mużikali ta' l-Orkestra bl-isem ta' din l-orkesta "Lohengrin". Din is-soċjetà kienet iffurmata.minn żgħażagħ Żebbuġin. F'kelma waħda kien iċ-ċirkolo taż-żgħażagħ f'Ħaż-Żebbuġ. Milli jidher il-membri ta' din l-Għaqda kienu lkoll partitarji jew ammiraturi tal-Banda San Filep. Huma bdew jidħlu membri mas-Soċjetà ta' l-istess Banda sakemm bħala "Soċjetà" iddeċidew li jidħlu u jsiru biċċa waħda mal-Għaqda Mużikali Każin Banda San Filep.

Hawnhekk tajjeb li nikkwotaw silta minn kitba li dehret fil-ktieb tal-Programm tal-festa ta' San Filep 1988, paġna 31.

"Ġrajja storika għas-Soċjetà Mużikali San Filep li seħħet matul din is-sena kienet meta ċ-Cirkolo taż-żgħażagħ li kien jeżisti f'Ħaż-Żebbuġ dak iż-żmien, li kien iġib l-isem ta' "Stella Levantina" li kellhom l-orkestra msemmija "Lohengrin" ingħaqdu u daħlu biċċa waħda mal-Għaqda tal-Banda San Filep. B'hekk is-Soċjetà Mużikali tagħna ġiet issudata u żviluppat b'ħafna ġuvintur. Kulħadd feraħ b'din il-għaqda. Il-Professur Philip Farrugia li kien wieħed minn dawk iż-zgħażagħ baqa' jsemmi din il-ġrajja sakemm miet u dawn il-versi ġew miktuba kif kien għaddihomlna huwa stess.

**Il-laqam "Ta' l-Istilla"**

Dan li qegħdin ingħidu m'għandu x'jaqsam xejn mal-laqam "Ta' l-Istilla". Bosta kienu dawk in-nies Żebbuġin li laqqmu l-Banda tagħna bħala l-"Banda ta' l-Istilla" sa min-nieqa tagħha.

Hu veru li f'nofs is-seklu l-ieħor is-Surmast Vincenzo Bugeja, is-Surmast Direttur tal-orkestra li kienet tieħu sehem matul il-ġranet tal-festa ta' San Filep fil-Parroċċa, kien magħruf bħala "Ta' l-Istilla" ghax kien ġej mill-Parroċċa ta' San Duminku, tal-belt Valletta, u dan l-istess Surmast kien marbut ħafna mas-Soċjetà tal-Banda San Filep. Iżda hu veru wkoll, u hawn jidħol ir-rakkont ħelu ħafna ta' xi xjuħ Żebbuġin, li għaddewh lil xulxin, sakemm wasal lilna. Dan ir-rakkont bejn wieħed u ieħor jgħid hekk – Fil-Litanija ta' San Filep "Litaniae in honorem S. Philippi Argiriensis", li fis-snin tal-bidu tal-Banda tagħna meta n-nies kienu ħafna reliġjużi, din il-litanija kienet tingħad bil-qalb u fost il-vrus li kienu jqanqlu l-qlub jingħad li dan il-vers kien jispikka fuq l-oħrajn: "S Philippe Stella in coelo fulgens". Allura dejjem skond dan ir-rakkont, meta twaqqfet il-Banda u tawha l-isem ta' San Filep bħala l-patrun tal-parroċċa, fl-istess ħin minn dan il-vers tal-litanija ħareġ il-laqam "Ta' l-Istilla" – "San Filep Stilla fis-sema tiddi".

Rigward xi mużika li wieħed jista' jsib fis-Soċjetà Mużikali tiegħu, wieħed jista' jgħid li meta saru s-separazzjonijiet ta' xi mużikanti minn mal-baned taghhom dawn kien ġarrew magħhom xi partituri li jkunu baqgħu għandhom. Jista' jkun ukoll li l-mużika kienet tagħhom allura għaddewha lill-għaqda ġdida tagħhom. Ħaġa li rajniha anki ssir f'dawn is-snin. Mużika li storikament inkitbet għall-Banda San Filep u li sa ftit tas-snin ilu kienet biss fl-Arkivju tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep u tindaqq biss mill-Banda ta' din is-Soċjetà, illum ġiet mogħtija lil Soċjetajiet Mużikali oħra eżistenti f'Ħaż-Żebbuġ.

Hawnhekk tajjeb li ngħidu xi ħaġa wara dak li kien jitkanta jew jingħad qabel is-sena 1960. Barra dak li diġà semmejna dwar Mastru Indri, insibu li għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Filep, sena 1949, ġie mżanżan innu marċ "Jum ta' Ferħ", mużika u kliem tas-Surmast Adeodato Gatt, li żewġ versi minnu huma hekk: "Ferħanin – Ferħanin, l-Ewwel Banda ta' dil-Gżira."

Jekk immorru aktar 'il bogħod u niktbu issa dwar il-Marċ Sinfoniku bil-kor "Omaġġ lill-Banda San Filep", li ndaqq għall-ewwel darba nhar il-11 ta' Mejju 1935, għeluq il-84 sena tal-Banda, nsibu dan il-vers: "Nintagħqdu lkoll mal-Banda l-Ewlenija."

Imbagħad fi żmien aktar antik b'mod ħelu ħafna għall-epoka ta' dak iż-żmien, iż-żewġ soċjetajiet Żebbuġin fost affarijiet oħra mhux daqstant sbieħ, kienu jindirizzaw lil xulxin:

Ta' l-ajkla kienu jgħidu hekk: "Ta' l-istilla l-ewwel banda, Minn ta' l-ajkla milħuqin, Fil-armar l-ajklini l-aqwa, B'nies tas-sengħa miżgħudin."

Il-partitarji ta' l-istilla kienu jwieġbu: "Kemm tkun tajba l-insalata, Meta tkun biż-żejt u l-basal, L-ajkla togħla kemm togħla, Sa ħdejn l-istilla qatt ma tasal."

Dan ma jfissirx li ż-żewġ Soċjetajiet tal-Banda fir-raħal qatt ma kkoperaw bejniethom. Xejn minn dan. Infatti nsibu li kien hemm okkażjonijiet fejn iż-żewġ baned daqqew flimkien.

Kien hemm żewġ okkażjonijiet meta l-katuba taż-żewġ baned ġratilhom il-ħsara waqt li l-baned

kienu jdoqqu u fil-pront tal-banda l-oħra tawhom il-katuba tagħhom. Kien hemm okkażjoni meta d-dilettanti tan-nar tal-Każin San Filep ħadmu logħob tan-nar għall-Festa ta' San Ġużepp.

Nistgħu insemmu wkoll li għall-okkażjoni tal-Kxif tal-Lapida ta' Tifkira lil Dun Mikiel Xerri, fl-1937, l-arranġamenti mużikali ta' l-"Innu lil Dun Mikiel Xerri." mużika ta' Maestro Karlo Diacono ġiet irranġata għall-Banda mis-Surmast Direttur tal-Banda San Filep Adeodato Gatt, wara li kienu ltaqgħu u tkellmu flimkien iż-żewġ surmastrijiet – Gilardu Farrugia u Datu Gatt. Fuq dan l-istess arranġament imbagħad daqqew iż-żewġ baned. Mhux hekk biss, iżda l-kor li ħa sehem f'din l-okkażjoni kien imħarreġ minn Dun Alexander Zammit li kien President tal-Każin Banda San Filep għas-snin 1931-1939. Rev. Alexander Zammit idderieġa lil dan il-kor tat-tfal li kanta dan l-"Innu lil Dun Mikiel Xerri", kemm mal-Banda De Rohan kif ukoll mal-Banda San Filep.

Min-naħa tal-membri tal-Każin tal-Banda San Filep meta ġew biex jagħmlu 'Pedistal' għall-Istatwa ta' San Filep, qiegħed jiskronga huma rrikorrew għand is-Sur David Camilleri. li kien President għal bosta snin tal-Każin San Ġużepp – Banda De Rohan. David, kif kien magħruf, aċċetta bil-ferħ, u jingħad li qallhom bi tbissima, "Allavolja jien ma' ta' l-ajkla, irrid nagħmlilkom pedistal mill-aqwa."

Hekk kien sar u llum aħna għadna nfaħħru dan ix-xogħol u niftaħru bih. NIrringrazzjaw lil min ħadmu. Bla dubju ta' xejn hu wieħed mill-isbaħ pedistalli li jintramaw f'Malta għall-okkażjoni tal-festi tagħna.

Is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep m'għadha kwistjoni ma' hadd. Bħal kull għaqda oħra, madwar il-Każin – Banda San Filep seħħew ġrajjiet li llum li għadda ż-żmien minn fuqhom issawru fl-istorja. Ma' dawn ġrajjiet imgħoddija jintagħġnu l-okkażjonijiet li qegħdin jitwettqu matul is-snin tagħna u la aħna bnedmin ħajjin nifformaw ġrajja minn żmien għall-ieħor.

Dawn il-ġrajjiet flimkien ma' tant oħrajn jiffurmaw il-"Ġrajja ta' din is-Soċjetà Mużikali Żebbuġija" li din is-sena 1995, tagħlaq 144 sena imwaqqfa, dejjem taħt l-isem grandjuż ta' San Filep. Għalhekk bir-raġun kollu ntennu li "Aħna kburin u ferħanin b'isem San Filep tul is-snin."

### Il-Poeta Nazzjonali ta' Malta u s-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep

Ġrajja storika fi ħdan is-Soċjetà tagħna, marbuta ma' Dun Karm Psaila, persuna ħafna għażiża għall-istess għaqda, seħħet ħamsin sena ilu, proprju nhar il-Ħadd 21 ta' Ottubru 1945.

Ħamsin sena ilu, l-Università Rjali ta' Malta inkurunat il-meriti letterarji tal-Professur Mons. Karmelo Psaila, bil-għotja tal-Grad ta' D.Litt. Għal din l-okkażjoni sabiħa u ta' unur lil Mons. Karmelo Psaila, kien ġie deċiż unanimament fis-seduta tal-Kumitat miżmuma nhar is-Sibt 6 ta' Ottubru 1945 li ssir festa fil-Każin nhar il-Ħadd 21 ta' Ottubru fil-5 p.m. fejn il-mistieden ta' ġieħ kien se jkun Mons. Karmelo Psaila D.Litt.

F'din l-okkażjoni s-Soċjetà riedet tabilħaqq tifraħ b'mod speċjali lil Dun Karm li f'dak l-istess żmien kien ukoll President Onorarju. Din il-festa saret kif kien ippjanat u rnexxiet b'suċċess kbir.

Kienet tassew laqgħa għalenija u ferrieħa ħafna fil-Każin San Filep. Kienu preżenti l-Arċipriet u l-Kleru tal-Parroċċa Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, li komplew hekk tajjeb ma' l-organizzazzjoni ta' din il-festa mill-President u l-Kumitat tal-Każin San Filep.

Bħal f'kull okkażjoni oħra, il-President, il-Professur Philip Farrugia, niseġ diskors sabiħ u għaqli marbut ma' l-Onorifiċenza li l-Alma Mater tat il-Grad ta' D. Litt. Honoris Causa lil Dun Karm. Dawn iż-żewġ dokumenti miżmuma b'għożża fis-Sede tas-Soċjetà Każin Banda San Filep huma xhieda ta' din il-ġrajja storika (dokumenti nru. 7, 8).

### Is-Surmast Direttur Salvatore Mallia (1893-1899) (1903-1904)

Mitt sena ilu, il-Banda San Filep kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur, iż-żagħżugħ, Salvatore Mallia.

Dan iż-żagħżugħ Surmast, kien mar-Royal Malta Artillery u kien idoqq l-ewfonju. Hawnhekk kien bniedem tas-servizz, iddixxiplinat u onest. Kien ferm maħbub minn kulħadd.

Dawn il-kwalitajiet sbieħ wassluh biex laħaq Surġent tar-riġment filwaqt li baqa' jissaħħaħ u jispeċjalizza fl-arti mużikali. Bil-kapaċità li wera f'dan il-qasam, is-Surġent Salvatore Mallia ngħata l-inkarigu li jiddierieġi l-banda tar-riġment fl-assenza tas-Surmast Direttur, meta kien ikun imsiefer.

Il-mexxejja tal-Għaqda Mużikali San Filep, meta rtira s-Surmast Gioacchino Galea fl-1893, saru jafu bil-kapaċitajiet ta' dan is-Surmast żagħżugħ u ħatruh is-Surmast Direttur tal-Banda San Filep. Kienet esperjenza ġdida għalih, infatti kienet l-ewwel banda li mexxa. Kien għad kellu 21 sena. Il-kwalitajiet sbieħ ta' dan is-Surmast spikkaw mhux ftit fost il-bandisti u r-riflessjoni tagħhom bdew jidhru kuljum fil-Banda.

Fl-età ta' 27 sena, fis-sena 1899, is-sena li hu kien

spiċċa minn Surmast Direttur tal-Banda San Filep, ħa f'idejh il-Banda Nikolina tas-Siġġiewi. Però fis-sena 1903 reġa' ħa l-Banda San Filep f'idejh sas-sena ta' wara.

Fi żmien dan is-Surmast, il-Kleru u l-Poplu tas-Siġġiewi immexxi (opitulante) mis-Saċerdot Paolo Laferla għamel ċerimonja fuq Tal-Għolja, biex ifakkar it-tqegħid mill-ġdid tas-Salib li kien sar tliet snin qabel, bil-barka tal-Papa Ljun XIII. Mro. Salvatore Mallia għaqqad il-Baned San Filep u San Nikola biex wettaq programm mużikali hemmhekk.

Il-kapaċitajiet ta' dan is-surmast wassluh biex ħa f'idejh bosta baned barra San Filep, L'Isle Adam tar-Rabat, Queen Victoria taż-Żurrieq, Unjọni ta' Ħal Luqa, Vilhena tal-Furjana, San Gejtanu tal-Ħamrun u San Nikola tas-Siġġiewi. Għal xi żmien ukoll idderieġa lill-Baned La Vallette, Pinto ta' Ħal Qormi u Duke of Cannaught ta' Birkirkara.

Fl-arkivju tal-Każin Banda San Filep insibu arranġamenti ta' mużika operistka, xogħol għall-banda, minsuġ b'sengħa kbira minn Salvatore Mallia.

Is-Surmast Salvatore Mallia twieled fis-Siġġiewi fil-21 ta' Settembru 1872. Il-ġenituri tiegħu kienu Nikola Mallia u Rosa nee Sciclun. Huma kellhom żewġ subien, Salvu u Pietru. Filwaqt li Salvatore għamel isem fil-qasam mużikali, Pietru għamel isem fil-qasam ta' l-arkitettura.

Salvatore Mallia iżżewweġ lil Marianna nee Aquilina u kellhom erbat itfal, Karmnu, Ġużeppa, Nikola u Nazzareno.

Fl-1934 hu għadda t-treġġija tal-banda tas-Siġġiewi lil ibnu Karmenu, imbagħad nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1937 Salvatore Mallia miet imdawwar bil-familja tiegħu.

Il-funeral tiegħu ġie organizzat mill-Banda San Nikola tas-Siġġiewi li ngħaqdet f'banda waħda mal-baned L'Isle Adam tar-Rabat u Unjoni ta' Ħal Luqa.

Mis-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep marret rappreżentanza kbira biex ħadet sehem f'dan il-funeral bil-bandalora tas-Soċjetà li ngħaqdu ma' bosta rappreżentanti ta' diversi baned bl-istandarti tagħhom.

**Riferenzi**


Dokumenti ppubblikati f'din il-pubblikazzjoni li jġibu n-numri 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8.
Ktieb Programm Festa 1992, paġni 41, 42, 43.
Lapidi Presidenti–Surmastrijiet.
Ġrajjiet il-BandaSan Filep 1992.
Programm Festa 1984 paġna 15.
Pietru Pawl Castagna.
Storia del Zebbug e Sua Parrochia – D.S. Ciappara.
Mastru Indri Borg 90 sena minn mewtu, Programm Festa San Filep 1993.
Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep ta' Mariella Attard.
Ġrajjiet il-Banda San Filep 1994.
Dr. J.G. Borg LL.D. Diskors miktub 1961.
Tagħrif dwar il-Banda De Rohan – Programm Festa San Ġużepp Lulju 1985, paġna 20.
Programm Festa San Ġużepp Lulju 1994.
Guida Generale di Malta 1893.
Prog. Festa San Filep 1988.
Joseph Gauci tagħrif mgħoddi lilna.
Carmelo Ciantar – Tagħrif mgħoddi lilna
Joseph Psaila – Tagħrif mgħoddi lilna.
Ġrajja tad-Dilettanti tan-nar – Każin San Filep.
Programm Festa San Gejtanu – Każin San Gejtanu, Ħamrun 1993.
Tagħrif ieħor lilna minn Żebbuġin barra mir-raħal.
Kotba ta-Każin
Arkivju.


## Żgħażagħ Żebbuġin Filippini

F'Beltna dejjem tħaddar,
Iż-żgħażagħ ferħanin,
Mal-Banda San Filep,
Qlubhom imħeġġin!

Nifirħu w'inferrħu,
Lill-kotra Żebbuġin,
Fil-misraħ, fit-toroq,
F'dil-Għaqda ħenjin.

Lilek Belt Twelidna
Inkantawlek bil-ġieħ,
Man-noti tal-Banda
Dal-Marċ hekk sabiħ!

'Lkoll aħna ta' l-Istilla,
Madwarek magħqudin;
San Filep Missierna,
Miegħek marbutin.

Minn qlubna bil-ħlewwa,
Intennu bil-qima,
Viva l-Kbir San Filep,
Tagħna t-Tislima!

Ħaż-Żebbuġ 1-1-95 Philip Agius

B'dedikazzjoni lis-Sezzjoni Żgħażagħ Każin Banda San Filep, l-ewwel sezzjni ta' żgħażagħ f'Każin tal-Banda f'Ħaż-Żebbuġ u fl-okkażjoni tas-sena ddedikata liż-żgħażagħ.

# Dokumenti relevanti

NRU. 1

Esito Straordinario

1851 Per costo del presente ... £ 1. 6 =
" ... del libro ... 1 3 =
" 3 12
Per pagamento alle bande di S. Filippo 2 8 8
... per aver ... i fratelli ... " 4 "
£ 64.11.16

NRU. 2

1854 ... Esito per la ... della festa ... Giugno 14 ...
... 1
Al ... 13
... 5

NRU. 3

1856 Giugno 13 Al ... per ... come dal ... 4
... 23

NRU. 4

1859 Riporto 511 4
A' Filippo ... la Banda ... 24 4
... per detti ... 1 6

NRU. 5

1860 18 Giugno ... pel Panegirico della ...
A Filippo ... per la banda ... 37
... Michele ... per ...

ST. PHILIP BAND CLUB,
ŻEBBUĠ.

Lil-Prof. Mons. K. Psaila, D.Litt.

Għażiż Mons. Psaila,

Għandna l-pjaċir u fl-istess ħin l-unur ninfurmawk illi fis-Seduta tal-Kumitat miżmuma nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru, 1945, ġie deċiż unanimament illi, meta l-Universita' Rjali ta' Malta qiegħda tinkuruna l-meriti letterarji tiegħek bil-għotja tal-grad ta' D. Litt., huwa tabilħaqq xieraq illi aħna, li tagħna inti President Onorarju, u magħna mwieled fl-istess raħal, nifirħulek b'mod speċjali.

Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li jitolbok tilqa l-istedina biex nhar il-Ħadd, 21 ta' Ottubru, fil-5 ta' filgħaxija, tkun il-mistieden ta' Ġieħ fil-każin tagħna u b'hekk tagħtina l-okkażżjoni li nfissrulek dan il-ferħ.

Bil-qima kollha meħtieġa lejk,
Għażiż Monsinjur,
Aħna għandna l-unur niffirmaw,

Segretarju

President

NRU. 7.

NRU. 8.

Lill-President,
St.Philip Band Club,Żebbuġ

Sinjur,

Jiena tgħaxxaqt bil-ħsieb patrijottiku tiegħek u tal-Kumitat tal-Każin li biex tifirħuli għall- onorifiċenza li l-Alma Mater tagħna iddeċidiet tagħmilli billi tagħtini l-Grad ta' D.Litt.,honoris causa,għoġobkom tistiednu lili u l-Kleru kollu ta' Ħaż-Żebbuġ, nhar il-Ħadd li għadda,21 ta' Ottubru,1945, għal laqgħa għalenija u ferrieħa fiċ-Ċirkolu tagħkom.

Għalhekk jiena nitolbok li tiżżi ħajr fl-isem tiegħi lill-Membri kollha tal-Kumitat,lill-Arċipriet u lill-Kleru ta' Ħaż-Żebbuġ li kompla hekk sewwa mal-ħsieb tagħkom;u,fil-waqt li niżżi ħajr lilek ukoll mill-kliem sabiħ u għaqli li għidtli f'dik il-festa, nitolbok tgħoddni

Dejjem Tiegħek,

Mgr. K. Psaila



Is-Surmast Salvatore Mallia

NRU. 6

1861. 10. Giugno. Riporto 397 / 14
Dati a M.ro Andrea Borg per ... alle persone della Banda ... per due servizi ... " 15 " "
Musica al Sig. Filippo Buggia ... pel 2° Vespro ... " " "